# Lit-Teatru Rjal

Hekk illum nisthajlek,
Xedaq artritiku
Ta' xwejjah popletiku
B'żewġ sinniet, weqfin solitarji
ġo ħalq sfreġjat,
imtartra bis-snin.
Iħarknu fil-fakra
l-l-istaġuni ta' l-opri
u l-melodiji ta' dawk l-operetti
li kienu jġennu 'l-irġiel,
u t-tbaħrid tal-Veljuni
bl-ilwien tal-paguni
li jsaħħru bil-ġmiel.

Għadhom jidwu
Fil-garigor ta' widnejja
Jitregħdu bis-snin,
l-akuti ta' Scacciati s-soprano
jidwu mtewma
ma' dawk ta' Beviario t-tenur,
imewġu fil-milja sonora
tat-Trovator;
u Ganna Pederzini
tiddandan fil-Carmen
ta' mezzo sopran,
waqt li Hilda Reggiani
tiggorgeċċja d-delirju
tal-Lucia l-ġenn,
f' "serata d'onore", miksija bil-ward...
u divi oħra midfuna
fin-nisġa taż-żmien.

Ja ġawhra mitfija,
Waqt li nibkik
Insaqsik:
Jekk waqt il-briju ta' żmienek
Qalbek qattx ħebritek



Li għad tisfa skeletru,
Parthenon fl-Acropolis,
Iżżejjen bl-istorja
Lill-Belt tat-tiġrif?
Kieku ma' Aureliano Pertile
Kont tintona l-Otello
U ttenni li temmen
F'alla kiefer
Li jxejjen suretek
Bil-porvli u l-azzar.

Qed nara fuq podju ta' qabar
Lil Maestro Luigi Cantoni,
F'nofs ir-radam,
Wieqaf b'xagħar borra,
Twil imsella,
Bil-bakketta mtella'
Jistenna l-millennju
Jibnilu r-Rjal.

***Maurice Mifsud Bonnici***

---

# Fl-Ewropa Magħquda

(Schengen irridu mhux l-oqsma ta' Flanders imxarrba bid-demm)

Tħallihomx jidfnuh id-dawl tiegħek
tiskotx
għax tkun kompliċi
int qed tgħallem is-sewwa
u min isikket is-sewwa
agħtih id-dawl tiegħek

iċċedix mingħajr ma tiġġieled sa l-aħħar
bix-xabla nobbli tiegħek
tal-verità u s-sewwa

lili tajthieli u
nibqa' nemmen fiha
u nibqa' mbierkek